# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 14/02**

**Numru 1**

**Thomas Smith Insurance Agencies Limited bhala agenti tas-socjeta estera SIAT kif surrogat fid-Drittijiet tal-assigurat taghha Keith Cassar**

**vs**

**Godwin Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' tlett elef disa mija u erba u sebghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm3947.20,0) rappresentanti l-ammont dovut minhabba incident tat-traffiku li gara fit-2 ta' Jannar 2000 bejn il-karozzi CAS 980 u BAU 104. Dan l-incident gara unikament minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra u tal-ittra ufficjali kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut pprezentata mal-avviz.

Bl-imghax legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta it-talbiet attrici (ara n-nota presentata illum stess “seduta stante”.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm3947.20,0 bl-imghax legali mill-4 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja imsemmija fl-istess avviz u tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Jannar 2002.

Christine Micallef
Deputat Registratur